Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 678/2014

**Edward Cauchi**

**Vs**

**Maria Pisani**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-24 ta' Settembru, 2014 l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' €2,454.72, in kwantu ghal €1,295.72 ghall-konsum ta' dawl u ilma fil-fond 47/2, Triq l-Oratorju, Mosta u €1,159 arretrati ta' kera fir-rigward tal-istess fond.

2. Il-konvenuta ssostni li dejjem hallset u mhu dovut xejn.

3. B'sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda:

*"Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-kera miftiehma bejn il-partijiet kienet tinkludi wkoll l-ispejjez tad-dawl u l-ilma – fis-somma ta' €9 fix-xahar – kif xehed l-Attur sija fl-affidavit tieghu u anke kif ikkonferma meta xehed in kontro-ezami. Fil-fehma tat-Tribunal, dan il-ftehim jorbot in omagg ghall-principju pacta sunt servanda. Wiehed jista' jasal jghid li s-somma fissa ta' €9 fix-xahar m'hijiex ragjonevoli tenut kont tal-fatt li kemm il-konsum kif ukoll it-tariffi jvarjaw imma gjaladarba dak kien il-ftehim bejn il-partijiet, it-Tribunal ma jqisx li ghandu b'xi mod jissindikah;*

*Illi fejn imiss mal-pretensjoni relattiva ghall-arretrati tal-kera, l-uniku prova rilevanti hija x-xhieda tal-Attur u cjoe li l-ftehim kien ta' €160 fix-xahar li madankollu minnhom il-Konvenuta spiccat thallas is-somma ta' €60 biss fix-xahar. Mhux car minn meta sa meta sar dan izda gie prezentat dokument li bir-rispett kollu, flok jissimplifika l-affarijiet jikkumplikahom ulterjorment u ma jixhet ebda dawl fuq il-pretensjoni attrici.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, l-Attur ma rnexxilux jipprova t-talba tieghu u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqaghha. Jidher bic-car li l-Attur ghad li ressaq diversi affidavits naqas serjament milli jgib provi rilevanti u cari;*

*Fuq kollox, it-Tribunal iqis li l-mod kif giet formulata t-talba tirreferi ghal zewg pretensjonijiet cari u cjoe l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-arretrati. Isegwi ghalhekk li kwistjonijiet ohra (bhall-kundizzjoni li fih gie ritornat il-fond) m'ghandhomx rilevanza ghall-kaz odjern;*

*Illi mill-banda l-ohra, il-Konvenuta naqset milli tipprova r-raba' eccezzjoni taghha u kwindi t-Tribunal mhux f'qaghda li jqis dak li qed teccepixxi l-Konvenuta li hi ghandha tiehu minghand*

*l-Attur skond l-ittra ufficjali prezentata fit-30 ta' Gunju 2014 b'risposta ghall-ittra ufficjali prezentata mill-attur fit-3 ta' Lulju 2014 – liema ittri ufficcjali lanqas biss gew prezentati".*

4. L-attur appella mis-sentenza, fejn ikkritika l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal:

   *"a) Illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar naqas serjament milli japplika l-fatti kif verament hargu matul il-perkors ta' din il-procedura, fejn l-esponenti qua appellant Edward Cauchi kien assertiv u konvincenti ghall-ahhar fil-fatt u fid-dritt sabiex jipprova illi fil-mertu huwa ghadu sa llum kreditur tal-imsemmija konvenuta Maria Pisani, ghal ammonti ta' flus certi, likwidi u dovuti li jirraprezentaw fuq naha wahda, kont ghas-servizzi utilitarji tad-dawl u ilma registrati fuq il-fond numru 47/2, Triq l-Oratorju, Mosta rapprezentanti l-ammont ta' €1,295.72 li thallsu mill-attur Edward Cauchi fiz-zmien fejn il-konvenuta kienet tokkupa l-istess fond, filwaqt li, fuq in-naha l-ohra l-ammont ta' €1,159 rapprezentanti arretrati ta' kera fuq il-fond surreferit li ghad iridu jingabru mill-attur".*

5. Il-konvenuta ma wegbitx.

6. It-Tribunal cahad it-talba tal-attur wara li qies:

   i. Mill-provi rrizulta li l-kera li ftehemu dwarha l-partijiet kienet tinkludi l-ispejjez tad-dawl u ilma, fir-rigward ta' liema l-konvenuta kellha thallas €9 fix-xahar. Ghaldaqstant, dak il-ftehim jorbot lill-attur dwar l-ammont li jista' jitlob bhala hlas ghall-konsum.
   ii. Ghal dak li jirrigwarda l-kera, irrizulta li kellha tkun €160 kull xahar. Madankollu l-konvenuta kienet qeghda thallsu €60 kull xahar. L-attur ma tax prova tat-talba tieghu.

7. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Hu veru li l-ftehim kien li l-konvenuta ser thallas €9 kull xahar ghall-konsum ta' dawl u ilma, pero hu ovvju li dan ma jfissirx li l-konvenuta setghet tikkonsma kemm trid u ghall-kumplament kellu jaghmel tajjeb l-attur. Min jikri proprjeta' ma jikrihiex biex johrog flus mill-but izda sabiex jaghmel qliegh. Fl-affidavit l-attur spjega x'kien gara meta ghall-perjodu 27 ta' April, 2012 sas-6 ta' Settembru, 2013 ircieva kont ta' €5,061.67 ghall-konsum tal-ilma. Jirrizulta li l-attur kien wasal fi ftehim mal-ARMS Ltd fejn *ex gratia* accettaw hlas ta' €1,295.72, li l-attur hallas fil-21 ta' Mejju, 2014 (ara fol. 14).

   ii. L-attur xehed li fis-7 ta' Frar, 2014 il-konvenuta ma komplitx tghix fid-dar tieghu. Il-konvenuta qalet li meta kienet thallas il-kera, l-attur kien jaghtiha ricevuta. Ziedet li, *".... fl-ahhar il-ktieb tal-kera zammu huwa. Nghid illi kont inhallas il-kera billi kont intih tlett karti ta' ghoxrin kull darba li kont niehu s-sussidju".* Skont ma xehed l-attur,

il-kera kienet €160 fix-xahar li fiha kien hemm inkluz €9 ghall-konsum ta' dawl u ilma. L-atturipprezenta rendikont, li seta gie spjegat ahjar. Jidher li l-attur qieghed jippretendi l-kera ghall-perjodu mill-ahhar ta' Frar, 2011 sat-30 ta' Dicembru, 2012. L-affidavits ta' Chris Saliba, Marita Mamo u Francis Saliba[1], ma fihom l-ebda taghrif dwar il-kera. L-attur xehed li l-konvenut ammettiet, *"… mal-kappillan illi hija kienet debitrici fil-konfront tieghi u li riedet ittini l-flus"*. Xhud li ma harrikx, kif lanqas ma xehed l-avukat li qal li *"…. laqqana ghandu. Nghid laqqana ghax l-inkwilina Maria Pisani accettat u giet mieghi ghand l-avukat li spjegalha l-ammont illi hija kellha taghtini f'arretrati ta' kera"*. Sahansitra xehed li fis-17 ta' Frar, 2014 sar jaf li l-konvenuta kienet rikoverita l-isptar, u mar jaraha flimkien ma' Marica Mamo. Il-qorti qeghda tifhem li fil-fatt hi Marita Mamo, li xehedet permezz ta' affidavit. L-attur kompla jghid, *"Maria tat ic-cavetta lil Marica u meta tlabniha l-kera hi qaltilna l-kera kienet fil-basket pero fil-basket ma sibna xejn"*. Verzjoni li ma gietx korraborata minn Mamo (ara affidavit a fol. 16). Il-qorti lanqas ma tifhem kif l-arretrati ta' kera li talab l-attur ikopru biss il-perjodu bejn it-30 ta' Frar, 2011 u 30 ta' Dicembru, 2012 (ara rendikont a fol. 12), jekk kif qal l-konvenuta damet sas-7 ta' Frar, 2014 tghix fil-fond. F'dan l-istat ta' dubju, il-qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-apprezzament tal-provi.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-16 ta' Dicembru, 2015 u filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, tikkundannaha thallsu s-somma ta' elf mitejn u hamsa u disghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,295.72) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba (31 ta' Ottubru, 2014). Ghal kumplament tichad l-appell. Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.

[1] Prezentati mill-attur.